DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/785

tas-17 ta' Mejju 2022

li tapprova l-Pjan ta' Prestazzjoni revedut tan-Network għat-tielet perjodu ta' referenza tal-iskema ta' prestazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew (2020-2024)

(notifikata bid-dokument C(2022) 3022)

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/317 tal-11 ta' Frar 2019 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni u imposti fl-Ajru Uniku Ewropew u li jħassar ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 390/2013 u (UE) Nru 391/2013 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 19(3) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 10(5) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Maniġer tan-Network għandu jfassal il-Pjan ta' Prestazzjoni tan-Network, li huwa soġġett għall-valutazzjoni mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 19(2) ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

(2) Il-Maniġer tan-Network inizjalment ippreżenta lill-Kummissjoni abbozz ta' Pjan ta' Prestazzjoni tan-Network għat-tielet perjodu ta' referenza ("RP3") fl-1 ta' Ottubru 2019. Minħabba l-bidla fiċ-ċirkostanzi kkawżata mit-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19, li seħħet wara l-preżentazzjoni tal-abbozz tal-Pjan ta' Prestazzjoni tan-Network, il-Kummissjoni ma kkonkludietx il-valutazzjoni ta' dak il-pjan. Il-miżuri eċċezzjonali għall-RP3 adottati mill-Kummissjoni b'rispons għall-pandemija tal-COVID-19, kif stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1627 ([2]), jirrikjedu li l-Maniġer tan-Network ifassal u jippreżenta lill-Kummissjoni, sal-1 ta' Ottubru 2021, abbozz rivedut tal-Pjan ta' Prestazzjoni tan-Network għall-RP3.

(3) F'konformità mal-Artikolu 19(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317 u mal-Artikolu 3(5) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1627, il-Maniġer tan-Network fassal abbozz rivedut tal-Pjan ta' Prestazzjoni tan-Network għall-RP3 ([3]), li ġie approvat mill-Bord tat-Tmexxija tan-Network, stabbilit bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/123 ([4]). Il-Maniġer tan-Network ippreżenta l-abbozz revedut tal-Pjan ta' Prestazzjoni tan-Network lill-Kummissjoni fit-30 ta' Settembru 2021.

(4) Skont l-Artikolu 19(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, il-Kummissjoni, megħjuna mill-Korp ta' Analiżi tal-Prestazzjoni, ivvalutat l-abbozz rivedut tal-Pjan ta' Prestazzjoni tan-Network skont il-kriterji stabbiliti fl-Anness V ta' dak ir-Regolament. Dik il-valutazzjoni wriet li l-abbozz rivedut tal-Pjan ta' Prestazzjoni tan-Network jissodisfa dawk il-kriterji.

(5) Għalhekk huwa xieraq li l-Kummissjoni tapprova l-verżjoni finali tal-Pjan ta' Prestazzjoni tan-Network revedut għall-RP3, kif imfassla mill-Maniġer tan-Network u ppreżentata lill-Kummissjoni fit-30 ta' Settembru 2021,

([1]) ĠU L 56, 25.2.2019, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1627 tat-3 ta' Novembru 2020 dwar miżuri eċċezzjonali għat-tielet perjodu ta' referenza (2020-2024) tal-iskema ta' prestazzjoni u imposti tal-ajru uniku Ewropew minħabba l-pandemija tal-COVID-19 (ĠU L 366, 4.11.2020, p. 7).

([3]) Il-Pjan ta' Prestazzjoni revedut tan-Network tal-Maniġer tan-Network għat-tielet perjodu ta' referenza 2020-2024 tal-iskema ta' prestazzjoni, ippubblikat fuq is-sit web tal-Ajru Uniku tal-UE (https://webgate.ec.europa.eu/eusinglesky/node_en).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/123 tal-24 ta' Jannar 2019 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-funzjonijiet tan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (ATM) u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 677/2011 (ĠU L 28, 31.1.2019, p. 1).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Pjan ta' Prestazzjoni tan-Network revedut għat-tielet perjodu ta' referenza tal-iskema ta' prestazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew (2020-2024), ippreżentat mill-Maniġer tan-Network fit-30 ta' Settembru 2021, huwa approvat.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Eurocontrol bħala l-Maniġer tan-Network ([5]).

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Mejju 2022.

Għall-Kummissjoni
Adina VĂLEAN
Membru tal-Kummissjoni

([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2019)3228 tas-6 ta' Mejju 2019